APPLIKAZZJONIJIET GĦAL KOMPOŻIZZJONI GĦAL KUNĊERT PARTI MILL-"IMDINA BIENNALE"

Bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni ta' kompożizzjoni mużikali bħala parti minn kunċert ta' mużika korali *a kapella* ("Versus – Of God and Man"), li se jsir fil-Katidral tal-Imdina bħala parti mill-"Imdina Cathedral Contemporary Art Biennale" bejn it-13 ta' November u 7 ta' Jannar. Dan il-kunċert se jsir mill-kor professjonali Estonjan Collegium Musicale, li se jkanta mużika tal-kompożitur Malti Reuben Pace, kif ukoll mużika ta' kompożituri Estonjani.

Dan il-kor rinomat ġie mwaqqaf fl-2010 minn Endrik Üksvärav, li huwa wkoll id-direttur tal-kor u tenur professjonali. Ir-repertorju tal-kor jestendi minn mużika rinaxximentali sa mużika kontemporanja, b'attenzjoni partikolari lil mużika antika u mużika ta' kompożituri Estonjani bħal Arvo Pärt, Erkki – Sven Tüür u Veljo Tormis. Il-kor rebaħ kemm-il premju, fosthom il-Gran Prix f'Gorizia, l-Italja (l-ewwel post) u l-Gran Prix f'Arezzo, l-Italja (it-tieni post). Ħareġ ukoll diversi CDs fosthom "Peegel Peeglis" bil-mużika ta' Arvo Pärt u Pärt Uusberg kif ukoll it-Tallin Mass ta Roxanna Panufnik li ħarġet taħt il-kumpanija Warner Classics. Il-kor kanta f'diversi pajjiżi fosthom l-Italja, Franza u l-Ġappun. Is-sena li għaddiet il-kor ġie onorat bit-titlu tal-Kor tas-Sena 2014 mill-Assoċjazzjoni Korali Estonjana.

Il-mużika li tiġi sottomessa għal din il-kompetizzjoni trid tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet: Tul ta' mhux iktar minn tliet minuti; kliem preferibbilment fuq suġġett reliġjuż bl-Ingliż, Taljan, Malti jew Estonjan; Partitura għal kor SATB ta' 16-il ruħ *a capella*; stil jew idjoma kwalunkwe però mingħajr l-użu ta' parti elettronika.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-1 ta Novembru, 2015, bi ħlas ta' €25.

M'hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-età jew nazzjonalità tal-kompożitur. L-ewwel erba' xogħlijiet li jintgħażlu jiġu prattikati mill-kor f'*workshop* fil-perjodu bejn id-19 sa l-24 ta' Novembru f'Malta. Il-mużika li tirbaħ l-ewwel post tindaqq fil-kunċert pubbliku tal-25 ta' Novembru 2015. Recording tal-mużika se ssir però għal użu personali biss.

Tliet kopji tal-partitura u riduzzjoni għall-pjanu, kif ukoll mistoqsijiet dwar il-ħlas għandhom jintbagħtu f'House of Music, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi, SGW 3014, Malta. Isem il-kompożitur m'għandux jidher fuq il-partitura però id-dettalji tal-kompożitur għandhom jitqiegħdu fuq karta ta' applikazzjoni separata. Għal aktar informazzjoni u karta ta' applikazzjoni b'imejl lil Reuben Pace fuq pacereuben@gmail.com.

Residenti tad-Dar tal-Providenza se jmorru Ruma biex jiltaqgħu mal-Papa Franġisku

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, se tkun ġurnata speċjali għal numru ta' residenti tad-Dar tal-Providenza għax proprju f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tad-Dar se jkollkom l-opportunità li jiltaqgħu personalment mal-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku ħdejn Casa Santa Marta fil-belt tal-Vatikan.

Il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 27 resident u residenta jitilqu minn Malta fi triqthom lejn Ruma għal din il-laqgħa speċjali. Jakkumpanjawhom se jkun hemm l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, l-Arċisqof Emeritus Mons. Paul Cremona O.P, Fr Martin Micallef id-Direttur tad-Dar tal-Providenza, il-maniġment tad-Dar kif ukoll numru ta' *carers*.

Is-Sibt, 12 ta' Settembru, waranofsinhar proprju f'Jum il-Fondazzjoni tad-Dar, se ssir quddiesa ta' ringrazzjament fil-Bażilika ta' San Paola Fuori Le Mura, f'Ruma mmexxija mill-E.T. Mons. Charles J. Scicluna. Għaliha se jkunu mistednin ukoll il-Maltin li jgħixu f'Ruma fosthom l-Ambaxxatriċi ta' Malta f'Ruma s-Sinjura Vanessa Frazier.

Il-Ħadd filgħodu mbagħad il-grupp kollu se jattendi għal quddiesa mmexxija mill-Arċisqof li se ssir fil-kripta tal-Bażilika ta' San Pietru proprju fuq il-qabar ta' San Pietru. Wara l-*Angelus* imbagħad mistennija ssir il-laqgħa tar-residenti mal-Papa. Għal din il-laqgħa r-residenti lestew ktieb b'kitbiet u tpinġija tagħhom kif ukoll xi prodotti agrikoli li jipproduċu fiċ-Ċentru Agrikolu San Isidor fid-Dar tal-Providenza. Il-grupp mistenni lura Malta l-Ħadd filgħaxija stess.

Il-pellegrinaġġ lejn Ruma hu biss wieħed mill-attivitajiet ewlenin li qegħdin jiġu organizzati fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tad-Dar. Attività importanti oħra se tkun dik ta' quddiesa ta' ringrazzjament immexxija mill-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna li se ssir fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2015, fis-6.30 p.m. Din il-quddiesa speċjali, li għaliha hu mistieden il-pubbliku Malti u Għawdxi, se ssir ukoll f'xandira diretta fuq TVM2.

Fid-29 ta' Settembru, se ssir edizzjoni oħra tal-"Ġirja, Qadfa u Mixja", attività ta' ġbir ta' fondi li hija organizzata mill-Grupp Żgħażagħ Gudja bil-kollaborazzjoni ta' RTK 4 Charity u d-Dar tal-Providenza. Il-ġirja titlaq mill-pjazza taż-Żurrieq, irroti jitilqu mill-pjazza tal-Imdina waqt li l-mixja tibda mill-pjazza tas-Siġġiewi. Kollha jiltaqgħu fid-Dar tal-Providenza fejn issir quddiesa fil-parkeġġ tad-Dar.

Fis-7 ta' Ottubru, imbagħad f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta se jsir il-Premiere tal-Oratorio bl-isem ta' "Canticum Vitae" ("Song of Life"). Dan se jkun esegwit mill-Orkestra Filarmonika ta' Malta bis-sehem tas-solisti Francesca Aquilina, Charles Vincenti u Alfred Camilleri u l-Kor Bel Canto. It-testi tal-Oratorio meħudin mill-Bibbja huma xogħol ta' Mons. Lawrence Gatt waqt li l-mużika hija ta' Hermann Farrugia Frantz li wkoll se jidderieġi l-orkestra.

"Rispett, Dinjità u Drittijiet" hija t-tema magħżula biex jitfakkar il-50 anniversarju tad-Dar tal-Providenza. Jalla dawn il-valuri jkomplu jkunu ta' ispirazzjoni għal bosta aktar snin ta' servizz għal dawk il-persuni vulnerabbli li għandhom bżonn l-appoġġ u l-inkoraġġament.

Nikkommemoraw l-450 anniversarju tal-Assedju

Ilbieraħ, MaltaPost se ħarġet *miniature sheet* b'bolla waħda bil-valur ta' €4.25. Il-bolla turi l-pittura ta' Mattia Preti "The Allegory of the Triumph of the Order" li tinsab fil-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

Il-battalji tal-1565 f'Malta kienu l-qofol tal-ostilità bejn il-Kristjani u l-Imperu Ottoman għall-kontroll tal-Mediterran. Il-gżejjer Maltin ġew mogħtijin liIl-Kavallieri ta' San Ġwann mill-Imperatur Charles V fis-sena 1530 ukoll bħala fortizza għall-Kristjani biex tilqa' għall-attakki tat-Torok.

F'Mejju tal-1565, waslet f'Malta flotta ta' 40,000 raġel u din immarkat il-bidu tal-Assedju l-Kbir. L-Assedju ntemm fit-8 ta' Settembru, 1565, meta t-truppi Ottomani rtiraw u ħallew ix-xtut tal-gżejjer Maltin. Din il-ġrajja għada sa llum tiġi ċċelebrata bħala festa pubblika u hi magħrufa l-aktar bħala "Il-Vitorja".

Il-*miniature sheet* tirrappreżenta parti mill-pittura ta' Mattia Preti li turi l-figura allegorika tal-Vitorja li tirrappreżenta l-Ordni, imlibbsa l-armatura u l-elmu, bix-xabla f'id waħda u l-bandiera fl-id l-oħra. Fl-isfond jidhru Kavallieri midrubin u belt fortifikata li tfakkar l-Assedju l-Kbir.

Il-bolla hija ta' daqs ta' 48mm x 39.5mm, b'perforazzjoni ta' 13.9 x 14 (comb.) b'*watermark* bis-Slaleb ta' Malta. Il-folja hi ta' daqs 120 mm x 80 mm. Printex Limited pprintja bil-proċess offset u l-ħarġa tikkonnsisti f'20,000 *miniature sheet*. Din il-ħarġa filatelika qed tkun għall-bejgħ mill-fergħat postali kollha. Ordnijiet jistgħu jsiru mis-sit www.maltaphilately.com, bil-posta mill-Philatelic Bureau MaltaPost p.l.c. 305, Triq Ħal Qormi, il-Marsa, MTP 1001, billi wieħed iċempel fuq 2596 1740 jew permezz ta' imejl fuq info@maltaphilately.com.